MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 553/2003

**Aquatess Limited**

**vs**

**Konrad Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hmistax –il Lira Maltija (Lm415.00), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 t'Awissu 2002, 6 ta' Settembru 2002, 11 t'Ottubru 2002 u 12 ta' Novembru 2002, u bl-imghax tat-8% fuq Lm415.00 mill-5 t'Awissu 2002, sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm deher fis-seduta tat-30 ta' April 2003 u nforma lit-Tribunal li kien qed jikkontesta t-talbiet attrici u kien ser jipprezenta risposta, baqa' ma deherx u ma prezentax risposta.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai in rappresentanza tas-socjeta'' attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u hmistax –il Lira Maltija (Lm415.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' awissu 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------